QORTI TAl-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dottor Joseph G. Galea Debono B.A. , LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 11 T'APRIL, 2002

Appell Nru. 207/201 JGD

Il-PULIZIJA .

(Spettur P. Spiteri.)

vs

ANTHONY SANT PORTANIER .

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Gunju, 2000, talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' A.S.P. Company Limited u bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud , skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmulin bis-sahha tal-istess Att , fid-9 ta' Marzu, 1999 , ghall-habta tal-5.20 p.m. , fil-Balzan Pharmacy , 70, St. Francis Street, Balzan , naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali , f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq biegh ta' provvista lilu imhallas ghal dik il-provista , u dana bi ksur tal-partiti 1 u 2 tal-Erbatax l-Iskeda li tinsab mall-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (c) tal-Att Nru XXIII ta'l-1998.

Rat is-Sentenza moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura Kriminali fit-8 ta' Novembru, 2001 , fejn, wara li rat l-art. 51 u 77 (a) u (e) tal-Att XXIII ta'l-1998 u l-partiti 1 u 2 tal-Erbatax il-Skeda li tinsab mall-istess Att ,iddecidiet li l-imputazzjoni tirrizulta u ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' mitejn lira (LM200) multa.

Rat it-talba tal-Appellant tal-istess data ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghall-fini tal-Appell , liema talba giet milqugha taht garanzija personali ta' LM200 .

Rat ir-rikors tal-Appellipprezentat fl-20 ta' Novembru, 2001 fejn talab li din il-Qorti thassar , tannulla u tirrevoka is-sentenza u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Illi l-aggravji tal-appellanti jistghu jigu riassunti hekk :-

1. li hu ma pprovda ebda provvista taxxabbli u li dan sar mill-kirurgu Ray Gatt li la hu impjegat tal-jew principal tal-appellant u lanqas socju tieghu ;
2. Illi l-obbligu li jipprovdi ricevuta kien tal-istess kirurgu Gatt ;
3. li l-appellant ma kienx jaf li Dr. Gatt kien biss dahal fl-ispizerija u li kien hallielu il-ktieb tar-ricevuti fiskali fuq il-bank tieghu ;
4. li ma kienx hemm prassi kostanti u uniformi bejn Dr. Gatt u l-appellant li ir-ricevuti fiskali kellu johroghomlu l-appellant ;
5. li ma giex pruvat li l-appellant kien qed jagixxi f'-isem tal-persuna registrata li ipprestat is-servizz

taxxabbli jew li xjentement u volontarjament kiser id-dispoizzjonijiet tal-Att XXIII ta' l-1998.

Illi il-Qorti regghet semghet il-provi mill-gdid fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2002 , fejn Dr. Mark Said, ghall-prosekuzzjoni irrinunzja ghax-xhud Stephanie Pace u irrimetta ruhu ghall-provi u dana b'lealta' u responsabilta' kommendabbli minn din il-Qorti , wara li kellu l-opportunita' li jisma l-provi tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti irrizulta li fid-data u hin in kwistjoni , waqt li l-appellant kien fl-ispizerija gestita minnu ghan-nom ta' A.S. P.Company Limited , dahlu l-ispetturi tal-VAT Joseph Bartolo u Stephanie Pace u Bartolo ra ragel u tifel ihallsu lill-appellant LM12.50c , pero' dan hareg ricevuta biss ta' 50c ghas-siggu . Meta staqsew lill-appellant ghala ma kienx hareg ricevuta ghas-somma globali ta' LM12.50c li kien ghadu kif irceva , l-appellant irrisponda li hu johrog biss ir-ricevuta ghal dak li jircevi hu u cioe' ghas-siggu fil-clinic u li id-dritt ta' Dr. Gatt johrog ricevuta ghalih Dr. Gatt . Meta pero' dahlu hdejn Dr. Gatt , dan qalilhom li il-ktieb tar-ricevuti kien barra ghand l-ispizjar fuq il-counter . Meta l-Vat inspectors regghu hargu, raw il-ktieb ta' Dr. Gatt fuq il-counter u accertaw ruhom li kien ta' Dr. Gatt pero' fih ma rawx kellux ricevuti bid-data ta' dak in-nhar ghax ix-xhud Bartolo ma jiftakarx illi fethuh il-ktieb . Mistoqsi in kontroezami jekk il-ktieb ta' Dr. Gatt kienx taht tlitt kotba ohra fuq il-bank ta' wara ta' gewwa , Bartolo xehed li ma jafx. Mistoqsi jekk kienx staqsa lil Dr. Gatt jekk hu kienx qabbad lill-ispizjar johroglu r-ricevuti , Bartolo xehed li dik il-mistoqsija partikolari ma ghamililux .

Illi il-versjoni tal-appellant , pjenament korroborata mill-kirurgu Dr. Ray Gatt , hija li dak in-nhar , il-kirurgu kien ittardja biex jattendi fl-Ispizerija u li meta wasal, lanqas biss kien ittenda bih . Ovvjament allura Dr.Gatt ma kienx qallu li hallielu il-Fiscal Receipts book hemm . Meta gie konfrontat bil-Vat Inspectors u mistoqsi ghala kien hareg biss ricevuta ghas-siggu , hu dahhalhom fil-kamra ta' Dr. Gatt u dana - dak il-hin - qallu li kien halla il-ktieb barra u fil-fatt hareg Dr. Gatt mill-kamra u kien Dr. Gatt li sabu fuq il-counter ghax hu ma kienx jaf fejn kien. Wera lil Qorti bi vlegga fuq ir-ritatti minnu esebiti fejn kien instab il-ktieb . Hemm kmamar ohra fl-ispizerija barra dik fejn hemm il-counters. Hu kien assuma li Dr. Gatt kien ghamel ir-ricevuta ghall-ammont li ser jithallas lilu u ghalhekk hu ghamel ricevuta biss ghal dak li irceva hu ossia ta' 50c . Hu ma kellux interess li ma johrogx ricevuta ghal dak li thallas Dr. Gatt ghax mhux assocjat ma Dr.Gatt . Wara dan l-incident ha hsieb li wahhal tabella fejn tidher li tghid :- "COLLECT YOUR VAT RECEIPT FROM DOCTOR" biex jevita incidenti simili.

Illi Dr. Gatt accerta lil Qorti bil-gurament li dak in-nhar ma kienx qal lill- appellant li kien hallielu il-ktieb biex jaghmillu ir-ricevuti . Is-soltu jidhol fl-4 p.m. il-clinic nhar ta' Tlieta u dak in-nhar kien wasal tard , tefa' l-ktieb fuq il-counter u baqa' diehel dritt fil-kamra tieghu. . Fl-ispizerija apparti in-nies ikun hemm l-ispizjar u tlitt sales girls. Pero' hu ma qal lil hadd minnhom li kien halla il-ktieb hemm . Ma jiftakarx jekk x'hin dahal fl-ispizerija kienx ra lill-appellant ghax kien tard. Kien tefa' jew halla il-ktieb fuq il-counter fuq il-lemin fejn in-nuccalijiet . Dr. Gatt xehed li meta hareg mill-kamra tieghu wara li avvicinawh il-Vat Inspectors, kien hu stess li sab il-ktieb tieghu taht xi ledgers.

Dwar l-uzanza ta'bejnithom min johrog r-ricevuti, Dr. Gatt qal li din ma kienetx wahda regolari u kostanti . Daqqa jithallas hu stess mill-pazjent u daqqa jithallas l-ispizjar : 50 : 50 . Meta kien jithallas l-appellant , hu kien isellimlu meta jidhol fl-Ispizerija u jghidlu : "Hawn il-Ktieb." Dak in-nhar tal-kaz pero' hu accerta il-Qorti li lill-appellant ma kienx qallu "Hawn il-ktieb." Dak in-nhar hu ma kienx thallas mil-pazjenti in kwistjoni. Hu kien jati karta lill-klient u jikteb 12 fuqha .

Fid-dawl tal-istat tal-provi , jidher li hemm dubju serjissimu jekk , anzi , addirittura , ma jirrizultax li l-appellant kien jaf li il-ktieb ta' Dr. Gatt kien ghandu fuq il-counter , biex hu johrog ricevuta f'isem Dr. Gatt , u fl-ghaggla li biha dahal Dr. Gatt seta' ikun li ma rahx diehel . F'kull kaz it-tnejn jixhdu li ma tkellmux dwar ktieb . Hu sintomatiku li l-appellant ma ghandux interess li ma jatix ricevuta ghal Dr. Gatt ghax minn dan mhu ser jiggwadanja xejn u ghalhekk ma kellu ebda movent jew "inducement" biex jaghmel dan . Huwa sintomatiku ukoll li il-ktieb spicca sabu Dr. Gatt stess taht xi ledgers meta hareg mal-VAT Inspectors mill-kamra tieghu. Dan juri li l-appellant veru ma kienx jaf li qiegħed ghandu u fejn

kien qieghed u ergo li hu kellu jati ricevuti dak in-nhar . Fic-cirkostanzi kellu kull dritt jassumi li Dr. Gatt kien ghamel ricevuta, ghax , wara kollox, dan kien l-obbligu ta'Dr. Gatt u mhux tieghu , ghax hu la hu impjegat , la employer u lanqas imsieheb ma Dr. Gatt .

Illi umbaghad l-appellant ma kienx il-persuna li ghamlet il-provvista a tenur tal-art. 51 tal-Att XXIII tal-1998 , ghax dan kien il-kirurgu Gatt u ghalhekk ma kellux l-obbligu li jaghti ricevuta ill-pazjenti in kwistjoni . Lanqas ma jidher li kellu jaghti kont tal-attivita' taxxabbli imwettqa minnu fir-"records" , dokumenti u kontijiet mehtiega kif provvdut fl-art. 77 (a) jew li jipproduci fatturi ta' taxxa jew fattura ohra jew dokument iehor kif preskritt fl-art. 77 (e) tal-Att XXIII , ghax dan kien jinkombi fuq il-persuna registrata li tkun ipprovdiet il-provvista jew is-servizz u cioe' il-kirurgu Dottor Ray Gatt u mhux fuq l-appellant .

Illi din il-Qorti diversament preseduta iddecidiet li lanqas ma jista' jitharrek impjegat tal-persuna registrata (Pol.vs. Rowena Borg . App. Krim. 178/ 2001 VGD , deciz fl-1 ta' Frar, 2002 ) ghan-nuqqas tal-persuna registrata , ahseb u ara kemm tista' titharrek persuna li ma jkollha ebda rabta jew legam legali mall-persuna registrata , kif inhu fil-kaz odjern bejn l-appellant , li kull ma jaghmel hu li jipprovdi kamra fl-ispizerija tieghu lill-kirurgu, u l-istess kirurgu Dr. Gatt . li hu il-persuna registrata skond il-ligi u li fuqu jaqghu l-obbligi li l-appellant qed jigi akkuzat bil-ksur taghhom.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2001 , u fil-waqt li issibu mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu ,tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur